# Il-ħaddiema tat-Tarznari

# mhedda bis-sħubija

# fl-Unjoni Ewropea

# L-Unjoni Ewropea

# trid tagħlaq

# it-Tarznari ta' Malta

**MILL-**

**Kampanja Ħelsien Nazzjonali**

**CNI**

**Diċembru 2006**

**Indiċi**


| | |
|---|---|
| **Il-ħaddiema tat-Tarznari mhedda bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea** | **3** |
| **L-Unjoni Ewropea trid tagħlaq it-Tarznari ta' Malta** | **3** |
| **L-ewwel Permess** | **4** |
| **Kummenti** | **4** |
| **Id-Dejn Jinħafer bil-Permess ta' l-UE** | **5** |
| **Kummenti** | **5** |
| **Investiment** | **5** |
| **Kummenti** | **5** |
| **Taħriġ** | **6** |
| **Kummenti** | **6** |
| **Spejjeż Soċjali** | **7** |
| **Kummenti** | **7** |
| **Spejjeż Finanzjarji** | **8** |
| **Kummenti** | **8** |
| **Taħriġ u Investiment Kapitali** | **8** |
| **Kummenti** | **8** |
| **Kapital li Jitħaddem** | **8** |
| **Kummenti** | **9** |
| **Ristrutturar** | **9** |
| **Kummenti** | **9** |
| **Għajnuna ta' Darba Biss** | **10** |
| **Kummenti** | **10** |
| **Xogħol Limitat** | **11** |
| **Kummenti** | **11** |
| **Tiswija u Konverżjoni ta' Vapuri** | **14** |
| **Kummenti** | **14** |
| **Il-Bini ta' Vapuri** | **15** |
| **Kummenti** | **16** |
| **Il-Baċir Numru 1** | **18** |
| **Kummenti** | **18** |
| **Ħaddiema Meħtieġa** | **18** |
| **Kummenti** | **19** |
| **Taħriġ skond ir-Regoli ta' l-Unjoni** | **19** |
| **Kummenti** | **19** |
| **Radd Lura ta' l-Għajnuna** | **19** |
| **Kummenti** | **20** |
| **Il-Ħniena tal-Kummissjoni** | **20** |
| **Kummenti** | **20** |
| **Għassiesa Argużini fuq Malta** | **21** |
| **Kummenti** | **21** |
| **Rapporti kull Sena** | **22** |
| **Kummenti** | **22** |
| **Kummenti** | **23** |
| **Konklużjoni** | **24** |

# Il-ħaddiema tat-Tarznari mhedda bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea

## L-Unjoni Ewropea trid tagħlaq it-Tarznari ta' Malta

**Tort tas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, il-ħaddiema tat-Tarznari tnaqqsu bil-kbir waqt li nġiebu taħt it-tmexxija tal-barranin imħallsin bil-mijiet ta' eluf ta' liri fis-sena barra allowances oħra. Xalata għall-kbar u swat ghall-ħaddiema.**

**Il-ħaddiema tat-tarznari li għadhom s'issa jaħdmu fit-tarznari saritilhom sikkatura kbira bl-argużini fuqhom u tnaqqsulhom il-ħlasijiet li kienu jieħdu lejn darhom.**

**Ħaddiema barranin, li skond ma jgħidu l-ħaddiema tat-Tarznari stess m'humiex kapaċi, qed jinġiebu biex jeħdulhom xogħolhom wara li mit-Tarznari tkeċċew il-ħaddiema Maltin u Għawdxin sħabhom, u hemm theddida kbira għal xogħol il-ħaddiema Maltin, ħobżhom u ħobż il-familji tagħhom.**

**Fir-ras ta' din il-kitba għedt li l-Unjoni Ewopea trid tagħlaq it-Tarznari ta' Malta. Kull min għandu rasu fuq għonqu jaf b'dan, imma kollox qiegħed jinħeba mill-ħaddiema Maltin u Għawdxin bħal ma nħbew l-affarijiet qabel ir-referendum.**

**Biex ħadd ma jaħseb li dak li sejjer ngħid inkun qiegħed ngħidu minn żniedi, hawnhekk sejjer inkun qiegħed inġib kopja ta' dak li hemm miktub bl-iswed fuq l-abjad fit-Trattat tas-Sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea waqt li nikkummenta dwar kull biċċa.**

**Tajjeb li tkunu tafu li llum, kontra dak li ġara qabel ir-referendum, wieħed jista jniżżel it-Trattat tas-Sħubija kemm mill-paġna ta' l-internet ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll mill-pagna ta' l-internet tal-Gvern.**

**Dan jinsab miktub fit-Trattat tas-Sħubija, dokument AA2003/ACT Anness XI/mt paġna 3265 sa 3270.**

**Għaldaqstant, ħalli naraw flimkien x'jingħad fit-Trattat tas-Sħubija, imma tinsewx li dan kollu nħeba mill-poplu Malti għaliex it-Trattat la kien ġie ppubblikat mill-Gvern Malti u lanqas mill-Unjoni Ewropea.**

**Kien ippubblikat biss fl-ilsien Ingliż mill-Polonja fuq l-internet ftit jiem qabel ir-referendum, u min ma kellux internet jew ma jafx bl-Ingliż ma setgħax ikun jaf x'kien fih.**

**Mhux biss, imma minħabba li fih eluf ta' paġni kif jixhdu n-numri tal-paġni li fihom jinsabu l-affarijiet dwar it-tarznari, jiġifieri minn paġna 3265 sa 3270, u ġie ppublikat ftit jiem biss qabel ir-referendum, kien umanament impossibbli li wieħed jaqrah, aħseb u ara jeżaminah bir-reqqa biex iqis u jara l-effetti tiegħu.**

**Minħabba li hemm diversi paragrafi, sejrin narawh biċċa biċċa u nagħmel kummenti dwar kull biċċa ħalli wieħed ma jitlefx is-sens ta' dak li jkun qiegħed jingħad.**

## L-ewwel Permess

**Dan huwa dak li jibda biex jgħid it-Trattat tas-Sħubija dwar it-Tarznari.**

**3. It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, it-Titolu VI, il-Kapitolu 1, ir-Regoli dwar il-Kompetizzjoni**

**(a) Minkejja l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE u bla ħsara għall-kondizzjonijiet imniżżla hawn taħt, Malta tista' tagħti l-miżuri li ġejjin ta' għajnuna għar-ristrutturar sa ammont massimu totali ta' MTL 419 491 000 lil Malta Drydocks u lil Malta Shipbuilding Company Limited, jew lil kull suċċessur legali tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsejħin bħala it-"tarznari"), matul il-perijodu ta' ristrutturar mill-2002 sa l-aħħar ta' 2008, imqassmin kif ġejjin:**

### Kummenti

**L-ewwel kummenti huma li minkejja li fis-sena 2002 konna għadna m'aħniex membri, il-Gvern Malti mhux biss ma setgħax jaħfer id-dejn tat-tarznari minn jeddu, imma ried bilfors il-permess tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Dan huwa ċar daqs il-kristall għaliex kif qiegħed jingħad fl-istess Trattat tas-Sħubija, u eżattament fil-paragrafu ta' hawn fuq, il-perjodu li l-Unjoni Ewropea ssejjaħlu perjodu ta' ristrutturar huwa bejn l-2002 sa l-2008.**

**Mela anki fil-perjodu li aħna ma konniex membri u ma kinitx ħaġa ċerta li l-poplu kien sejjer jaċċetta s-sħubija, id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea kienu diġa` qed jikkmandaw lill-Gvern Malti.**

**Kienet tikkmanda dak iż-żmien, aħseb u ara issa li aħna membri.**

**Huwa għalhekk li kemm indumu msieħba fl-Unjoni Ewropea l-ebda Gvern Malti, ikun min ikun, ma jista' jagħmel xejn jekk mhux bil-permess tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Dik sovranita` biex il-Gvern Malti jiddeċiedi affarijiet li jolqtu fil-laħam il-ħaj lill-ħaddiema Maltin u lill-poplu Malti!!!**

**Innutaw ukoll li d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea imponew ukoll li anki jekk il-Gvern Malti kien ixolji lill-Malta Shipbuilding u lit-Tarzna ta' Bormla u jagħmel kumpanija oħra, xorta waħda dik il-kumpanija kienet tiġi meqjusa bħala s-suċċessur ta' dawn it-Tarznari u titqies li d-dejn li kien inħafer lit-tarznari li kien hemm qabel kien ikun dejn li jkun qiegħed jinħafer lilha.**

**B'hekk, kumpanija bħal din lanqas setgħet tingħata għajnuna għaliex tkun meqjusa bħala l-werrieta tal-Malta Shipbuilding u tat-Tarzna ta' Bormla.**

**Dak huwa dak li jfisser l-ewwel paragrafu fejn jingħad, "jew lil kull suċċessur legali tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsejħin bħala it-"tarznari")". Xejn inqas u xejn aktar.**

**Barra minn hekk, innutaw li l-perjodu hekk imsejjah ta' ristrutturar, li għad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jfisser tnaqqis kbir fin-numru ta' ħaddiema u tnaqqir tal-pagi, drittijiet u kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema huwa mis-sena 2002 sas-sena 2008.**

**Dan sejrin niġu għalih aktar 'il quddiem, imma ħalli għalissa nkomplu naraw x'jgħid iżjed it-Trattat tas-Sħubija.**

## Id-Dejn Jinħafer bil-Permess ta' l-UE

**Il-paragrafu li jmiss juri kif kien imqassam dak li kien meqjus bħala dejn tat-Tarzna ta' Bormla u x-Shipbuilding, u jgħid li,**

- **tħassir mill-kotba tad-dejn sa MTL 300 000 000;**

### Kummenti

**Hawnhekk qegħdin naraw kif il-Gvern Malti kellu jingħata permess mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea biex jaħfer id-dejn li kellhom it-tarznari.**

**Kieku l-Gvern Malti ma riedx il-permess tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea la kien ikun hemm għalfejn jingħad kemm kienet is-somma u lanqas tiddaħħal fit-Trattat, imma kieku l-Gvern kellu dritt li jaħfirha mingħajr il-permess tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea kien jaħfirha kienet kemm kienet u ma kienx ikun hemm għalfejn titniżżel fit-Trattat.**

**Imma minħabba li l-Gvern Malti kien marbut bis-somma li seta' jaħfer, dan ifisser ukoll illi kieku kien hemm dejn li ma kienx ġie inkluż f'din is-somma, dak id-dejn ma setgħax jinħafer.**

## Investiment

**Ħalli nkomplu naraw x'jingħad aktar.**

- **għajnuna għall-investiment sa MTL 9 983 000 skond il-pjan ta' investiment kapitali inkluż fil-pjan ta' ristrutturar;**

### Kummenti

**Hawnhekk għandna eżempju ieħor tal-kontrolli stretti li d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea imponew fuq il-Gvern Malti.**

**Id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea rabtu lill-Gvern Malti li s-somma li seta' jonfoq fuq ir-ristrutturar tat-Tarznari ma kellhiex taqbeż 9, 983,000 Liri Maltin.**

**Dan ifisser li anki jekk il-Gvern Malti ried jinvesti aktar fit-Tarznari biex iwaqqafhom fuq saqajhom, u anki jekk jinstab li, bħala eżempju, apparat li ried jinbidel kien sar jiswa aktar milli kien qabel, dan ma setgħax jagħmlu għaliex kien marbut b'din is-somma mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Daqshekk baqa' sovran il-Gvern u l-poplu Malti bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.**

## Taħriġ

**It-Trattat tas-Sħubija jkompli jgħid li l-Gvern Malti seta' jagħti lit-Tarznari**

- **għotjiet għat-taħriġ sa MTL 4 530 000;**

### Kummenti

**Dan mhux biss huwa eżempju ieħor ta' l-impożizzjonijiet tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea fuq il-poplu Malti, imma huwa kontradizzjoni kbira tal-politika li jħobbu jiftaħru biha ta' l-Unjoni Ewropea. Ħalli ngħid għaliex.**

**Sikwit naqraw fil-gazzetti, nisimgħu fuq ir-radju u naraw fuq it-televiżjoni li l-politika ta' l-Unjoni Ewropea hija li trid li l-ħaddiema jkomplu jitħarrġu matul ħajjithom kollha.**

**Mela waqt li tgħid hekk, b'kontradizzjoni kbira id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea rabtu lill-Gvern Malti li ma jistax jonfoq aktar mis-somma msemmija biex iħarreġ lill-ħaddiema, u dan anki biex jitgħallmu snajja oħra biex ikunu aktar flessibbli.**

**Tinsewx li dan huwa għall-perjodu bejn is-snin 2002 u 2008, għaliex wara l-2008 il-Gvern Malti ma jista' jagħti l-ebda għajnuna oħra.**

**Jekk it-Tarznari jkunu għadhom jeżistu u jkunu jridu jħarrġu lill-ħaddiema biex jibqgħu kompetittivi ma tarznari oħra jridu jkunu t-tarznari stess li jġorru l-ispiża kollha.**

**Mela t-tarznari mhux biss iridu ma jagħmlux telf sa l-aħħar tas-sena 2008, imma jridu jkunu qegħdin jagħmlu qligħ biżżejjed ħalli jkunu jistgħu jkomplu jħarrġu lill-ħaddiema biex iżommu u jkabbru l-kompetittivita` tagħhom.**

**Waqt li wieħed jaqbel li kemm jista' jkun kull kumpanija kif ukoll it-Tarznari jagħmlu qligh u jkollhom biżżejjed biex iħarrġu l-ħaddiema, kulħadd jaf li l-kompetizzjoni fid-dinja hija kbira ħafna u jkollhom iqaċċtu l-prezzijiet bil-kbir.**

**Id-differenza qiegħda illi waqt li pajjiżi membri oħra għandhom il-flotta navali tagħhom li tagħti x-xogħol lit-tarznari tagħhom biex ipattu għan-nuqqas ta' xogħol kummerċjali, Malta ma nistgħux nagħmlu hekk għaliex m'għandniex flotta navali.**

**Barra minn hekk, il-gvernijiet malajr jivvintaw li jridu jagħmlu bastimenti tal-gwerra bl-iskuża li jimmodernizzaw, imma jkunu qegħdin jagħmlu hekk biex jagħtu xogħol lit-tarznari tagħhom.**

**Imma għad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea li Malta ma tistax tagħmel hekk ma jfisser xejn għaliex hekk imponew fuq il-Gvern Malti u għaliex ma jimpurtahomx mill-ħaddiema Maltin u Għawdxin u l-familji tagħhom.**

**Dik hija l-qalb ħadra u xierfa tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea fejn jidħlu l-ħaddiema Maltin li bħall-kumplament tal-poplu li ġie mqarraq biex jaċċetta s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea ġew imqarrqa mill-ĠAKBINI Maltin li bħal ĠUDA huma mixtrija mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea bil-postijiet u salarji tajbin li ingħataw.**

**Imma sakemm nibqgħu membri fl-Unjoni Ewropea, għall-bqija tal-poplu Malti u Għawdxi hemm biss taxxi, telfien ta' xogħol, swat u għaks li ilna ma naraw bħalu s-snin kbar.**

## Spejjeż Soċjali

**It-trattat ikompli jgħid li l-Gvern Malti jista' jagħti,**

- **kumpens għall-kost soċjali minħabba r-ristrutturar sa MTL 32 024 000;**

### Kummenti

**L-ewwel nett, bil-Malti ma ngħidux "għall-kost" imma "għall-ispiża" jew "spejjeż".**

**Imma biex inkomplu fuq is-suġġett, fi kliem ieħor, biex jitħarrġu l-ħaddiema li jkunu se jispiċċaw mit-tarznari u li jkunu sejrin jaħdmu x'imkien ieħor, kif ukoll biex il-ħaddiema li jintemm ix-xogħol tagħhom minħabba li d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea ordnaw li jitnaqqsu jingħataw somma bħala benefiċċji tat-tmiem ta' l-impjieg.**

**Hawnhekk naraw il-ħdura tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex filwaqt li l-ħaddiema tat-tarznari intefgħu 'l barra minkejja li kienu għadhom ma laħqux l-eta` ta' l-irtirar u ingħataw somma mill-flus tal-poplu Malti, il-poplu Malti tilef ukoll xogħolhom u l-kontribut li huma setgħu jagħtu lill-kaxxa ta' Malta.**

**Barra minn hekk, kif qiegħed jiġri issa, qed ikollhom jinġiebu ħaddiema barranin biex jagħmlu x-xogħol li kienu jagħmlu dawn il-ħaddiema.**

**Hekk sewwa. Keċċejna ħaddiema Maltin li tilfu xogħolhom u d-dinjita` tagħhom ta' ħaddiema, il-familji tagħhom tilfu ħobżhom, il-poplu Malti tilef il-ħidma tagħhom, ħallas talli tkeċċew, u nħallsu ħaddiema barranin biex jagħmlu xogħol li kien jista' jsir minn dawn il-ħaddiema Maltin kieku ma tkeċċewx minħabba l-ordnijiet tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Hawnhekk joqgħod tajjeb il-qawl Taljan li maqlub għall-Malti jgħid li minn fuq li tkornini ssawatni.**

**Irridu niftakru wkoll li ħaddiema li tkeċċew mit-Tarznari intbaghtu ma' kumpanija li twaqqfet apposta u xi wħud mal-Kunsilli Lokali jagħmlu xogħol li m'għandu x'jaqsam xejn mas-sengħa tagħhom.**

## Spejjeż Finanzjarji

**It-Trattat tas-Sħubija jkompli jgħid li l-Gvern Malti jista' jagħti,**

- **għajnuna għall-kost finanzjarju sa MTL 17 312 000;**

### Kummenti

**Fi kliem ieħor, għajnuna biex it-tarznari jlaħħqu ma' l-ispejjeż tagħhom.**

**Imma tinsewx li din l-għajnuna tista' tingħata biss sa l-aħħar tas-sena 2008, għaliex wara ma tkun tista' tingħata l-ebda għajnuna.**

**Aktar 'il quddiem nikkummenta dwar jekk huwiex aħjar li l-ħaddiema jinżammu fl-impjieg tagħhom u jingħataw sussidju jew jintbagħtu 'l barra, jingħataw somma u joħorġu bil-pensjoni meta jkunu għadhom fl-eta` tax-xogħol.**

## Taħriġ u Investiment Kapitali

**It-Trattat tas-Sħubija jkompli jgħid li l-Gvern Malti jista' jagħti,**

- **għajnuna oħra relatata mal-kost finanzjarju għal għotjiet għat-taħriġ u s-sussidju ta' l-investiment kapitali sa MTL 3 838 000;**

### Kummenti

**Din hija somma oħra li l-Gvern Malti jista' jagħti lit-Tarznari biex iħarrġu l-ħaddiema u jsir investiment kapitali, jiġifieri jinbidel u jinxtara xi apparat li jkun meħtieġ mit-Tarznari.**

**Hawnhekk naraw kif id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jħawwdu l-borma, għaliex wieħed jistaqsi għalfejn din is-somma ma ġietx inkluża mas-somom l-oħra msemmija aktar qabel ta' taħriġ u investiment?**

## Kapital li Jitħaddem

**It-Trattat tas-Sħubija jkompli jgħid li l-Gvern Malti jista' jagħti,**

- **sussidju għall-kapital li jitħaddem sa MTL 51 804 000. Dan l-element tal-pjan ta' għajnuna għat-tħaddim jonqos biż-żmien, sabiex mhux iżjed minn 25% ta' l-ammont li jkun tħallas effettivament ma jkun jista' jitħallas matul l-aħħar erba' snin tal-pjan ta' ristrutturar.**

**L-għajnuna għal kull punt ma għandhiex teċċedi n-nefqa li hi maħsuba li tkopri, u għandha tkun limitata għall-minimu neċessarju biex jinkisbu l-objettivi tal-**

**pjan ta' ristrutturar.**

**Kummenti**

**Il-Gvern Malti jista' jagħti l-għajnuna msemmija biex it-tarznari jkunu jistgħu jkollhom flus f'idejhom ħalli jkunu jistgħu jaħdmu, jiġifieri jixtru l-materja prima, iħallsu l-pagi u kontijiet, u dak kollu li jkollu jsir il-ħlas tiegħu matul il-ħidma ta' kull kumpanija.**

**Innutaw li n-nefqa mhux biss trid tkun limitata kif jingħad fit-tieni paragrafu ta' din il-parti, innutaw ukoll li mhux biss din l-għajnuna trid tonqos, imma trid tkun "mhux iżjed minn 25% ta' l-ammont li jkun tħallas effettivament ma jkun jista' jitħallas matul l-aħħar erba' snin tal-pjan ta' ristrutturar."**

**Tinsewx li d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea qed iqisu li l-perjodu ta' ristrutturar huwa bejn is-sena 2002 u l-aħħar tas-sena 2008. Mela l-aħħar 4 snin jiġu mis-sena 2005 sas-sena 2008.**

**Dan ifisser li anki qabel ma sirna membri ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea kienu rabtu lill-Gvern Malti li ma setgħax jagħti għajnuna aktar milli kienu ddeċiedew huma għaliex ma setgħax jagħti aktar minn kwart tas-somma msemmija wara l-1 ta' Jannar 2005.**

**Mela jekk fl-aħħar 4 snin, jiġifieri wara l-1 ta' Jannar 2005, din l-għajnuna ma tistax tkun aktar minn 25% ta' l-ammont imsemmi, din ma tistax tkun aktar minn Lm 12, 951, 000.**

**Dan ifisser li minkejja li aktar ma jmur l-ispejjeż aktar jogħlew, l-għajnuna aktar trid tonqos.**

**Dan juri wkoll kif anki f'din il-parti ta' din l-għajnuna id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea kienu rabtu lill-Gvern Malti qabel ma sirna membri, għaliex sirna membri mill-1 ta' Mejju u l-Gvern Malti kien diġa' marbut b'din il-figura minn qabel.**

**Dak huwa li ordnaw id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea lill-Gvern Malti, Gvern ta' pajjiż membru li suppost huwa indipendenti, ħieles u sovran.**

## Ristrutturar

**It-Trattat tas-Sħubija jkompli jgħid li,**

**(b) Malta għandha timplimenta r-ristrutturar tat-tarznari abbażi ta' pjan ta' ristrutturar li l-iskop tiegħu hu li jikseb il-vijabbiltà totali mhux iktar tard mill-aħħar tal-perijodu tar-ristrutturar, u li jirrispetta l-kondizzjonijiet li ġejjin:**

**Kummenti**

**Hawnhekk it-Trattat huwa ċar daqs il-kristall li t-Tarznari jridu jiksbu vijabbiltà totali, jiġifieri li jagħmlu qligħ u ma jkollhom bżonn l-ebda forma ta'**

**għajnuna sa' l-aħħar tal-perjodu ta' ristrutturar, jiġifieri sa' l-aħħar tas-sena 2008.**

**Din hija ċara daqs il-kristall li l-Gvern Malti ma jkun jista' jagħti l-ebda għajnuna lit-Tarznari mill-aħħar tas-sena 2008, għaliex jekk kumpanija, fil-każ tagħna t-Tarznari, jkunu totalment vijabbli, ma jkollhomx bżonn għajnuna.**

**Mela jekk sa dak iż-żmien it-Tarznari ma jkunux vijabbli b'tali mod li ma jkollhom bżonn l-ebda għajnuna jkollhom jagħlqu għaliex ma jkunux jistgħu jħallsu l-ħaddiema la ma jkollhomx flus. Dak huwa li ordnaw id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.**

## Għajnuna ta' Darba Biss

**Jekk taħsbu li l-Gvern Malti jista' jagħti xi forma ta' għajnuna aktar minn darba kontu sejrin imqarrqin. Dan huwa ċar daqs il-kristall għaliex id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea imponew li,**

**(i) l-għajnuna għandha tingħata darba biss. L-ebda għajnuna oħra ma għandha tingħata lill-kumpannija li hija l-proprjetarja tat-tarznari wara l-31 ta' Diċembru 2008;**

### Kummenti

**Innutaw li l-għajnuna mhux biss tista' tingħata darba biss, imma d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea reġgħu rabtu lill-Gvern Malti, jkun liema Gvern ikun, waħda sewwa.**

**Dan għaliex fit-tieni sentenza ta' dan il-paragrafu jingħad ukoll li "L-ebda għajnuna oħra ma għandha tingħata lill-kumpannija li hija l-proprjetarja tat-tarznari wara l-31 ta' Diċembru 2008."**

**Fi kliem ieħor, din rabtet lill-Gvern Malti li jekk jara li t-Tarznari ma jkunux saru vijabbli ma jkunx jista' jxolji l-kumpaniji tat-Tarznari, jagħmel kumpanija oħra, jgħaddilha t-tarznari u jagħtiha l-għajnuna.**

**Dan għaliex mhux biss l-għajnuna tista' tingħata darba biss, imma jingħad ċar u tond li kumpanija bħal din ma tistax tingħata għajnuna wara l-aħħar tas-sena 2008.**

**Din hija l-makakkerija tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea u l-injoranza grassa jew il-lagħaqiżmu spjetat tat-taparsi negozjaturi Maltin li nnegozjaw it-Trattat tas-Sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.**

**Bil-fissazzjoni tagħhom biex isieħbu lill-Malta fl-Unjoni Ewropea u bil-lagħaqiżmu spjetat tagħhom għall-barrani injoraw l-interessi ta' Malta u tal-ħaddiema Maltin, speċjalment tal-ħaddiema tat-Tarznari u tal-familji tagħhom.**

## Xogħol Limitat

**Din ma kinitx l-unika kundizzjoni li l-għajnuna lit-Tarznari kienet marbuta biha, imma l-Gvern Malti u t-Tarznari jinsabu marbuta li,**

**(ii) l-għadd ta' xogħol bniedem f'siegħa disponibbli għal forza tax-xogħol produttiva ppjanata għall-bini ta' vapuri, it-tiswija ta' vapuri u l-konverżjoni ta' bastimenti ta' 1410 persuni (wara r-ristrutturar) fi ħdan it-tarznari għandu jkunu ta' 2,4 miljun ta' xogħol bniedem f'siegħa kull sena;**

## Kummenti

**Ejja neżaminaw x'qiegħed jgħid dan il-paragrafu għaliex fih ħafna informazzjoni li tajjeb li wieħed jistudjaha sewwa.**

**L-ewwel ma tridu tinnutaw huwa li n-numru ta' ħaddiema fuq produzzjoni fit-Tarznari ma jistax ikun ta' aktar minn 1410 wara r-ristrutturar.**

**Fi kliem ieħor, id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea rabtu lill-Gvern Malti li jrid inaqqas lill-ħaddiema tat-Tarznari għal dak in-numru sa l-aħħar tas-sena 2008 minkejja li kulħadd jaf u qed jara li qed ikollhom jinġiebu ħaddiema barranin biex jagħmlu x-xogħol minkejja li għad hemm aktar minn 1410 ħaddiema Maltin fuq produzzjoni jaħdmu fit-Tarznari.**

**Issa jekk wieħed iqis ix-xogħol li jrid isir biex jinbena bastiment, jiġi msewwi, jew jiġi konvertit, il-ħaddiema fuq produzzjoni jinkludu wkoll il-ħaddiema tad-drawing office, electricians, welders, grinders, blasters, żebbiegħa u kull min b'xi mod ikollu x'jaqsam max-xogħol ta' produzzjoni.**

**Għaldaqstant, ikunu ftit ħafna l-ħaddiema li ma jkunux meqjusa li qegħdin fuq produzzjoni, bħal ngħidu aħna, xi kenniesa, parkers, gwardjani eċċ.**

**Għaldaqstant, in-numru tal-ħaddiema kollha tat-tarznari jista' jkun xi ftit aktar minn 1410, iżda żgur li mhux xi mijiet, għax kemm se jkun hemm kenniesa, parkers u gwardjani?**

**Mela meta nqisu dan kollu, u anki li l-limiti mposti mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jirreferu għall-ħaddiema li jkunu fuq il-produzzjoni, is-somom li se naħdmu flimkien se jkunu u nqabbluhom mal-figuri li hemm fit-Trattat tas-Sħubija se nqisuhom kollha mal-massimu ta l-1410 ħaddiem li jkunu fuq produzzjoni.**

**Madankollu, anki hawnhekk jidħlu d-dubji, għaliex aktar 'il quddiem insibu u se naraw li t-Tarznari jistgħu jnaqqsu mix-xogħol fuq il-bini ta' vapuri billi jagħtu ċerti xogħolijiet barra, jiġifieri lill-kuntratturi.**

**Issa fost dawk ix-xogħolijiet li jissemmew hemm ukoll ix-xogħol ta' gwardjani, tindif, u skoss xogħolijiet oħra li narawhom aktar 'il quddiem li hemm il-**

**ħaddiema tat-Tarznari li jagħmluhom. Mela dawn huma wkoll meqjusa bħala ħaddiema fuq il-produzzjoni.**

**Hawnhekk ikompli jidħol dubju kbir jekk il-ħaddiema humiex se jkunu limitati għal 1410 kollha jew jekk humiex se jkunu ftit aktar, imma m'hemmx dubju li ma jkunux mijiet aktar.**

**Qabel inkompli, tajjeb li niġbed l-attenzjoni għall-ereżija li għamlu t-tradutturi li qalbu t-Trattat tas-Sħubija fl-ilsien Malti meta man-hours, jiġifieri kemm persuna taħdem siegħat qalbuha siegħat-bniedem minflok siegħat ta' xogħol.**

**Tinsewx li dawn it-tradutturi tħallsu eluf kbar ta' liri filwaqt li kien hemm ukoll nies tal-qalba, fosthom avukati tal-qalba sewwa u li jiġu minn irjus politiċi kbar, li tħallsu ħafna aktar eluf ta' liri talli suppost raw li saret traduzzjoni tajba.**

**Jingħad u ssemmew figuri tal-ħlas ta' madwar Lm20 għal kull paġna ta' 100 kelma li suppost ġiet eżaminata minn dawn l-avukati u nies oħra tal-qalba.**

**Ara għal dawk ma hemmx kemm jitħallsu, imma għall-ħaddiema tat-Tarznari kollox bil-qies u bil-permess tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea u xejn ma jista' jinqabeż jew jiżdied għax l-istess dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jaqbżu fuq il-poplu Malti u jwaħħluh il-multi kif waħħluna fuq iz-zokkor għaliex qalu li mportajna aktar milli deherilhom huma li kellna nimpurtaw qabel ma sirna membri.**

**Anki l-każ taz-zokkor juri l-arroganza u l-prepotenza tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea għaliex bdew jiddeċiedu għalina sa minn qabel ma sirna membri x'għandna u kemm għandna nimpurtaw affarijiet, fosthom iz-zokkor.**

**Issa ejja naħdmu somma żgħira ħalli tkunu tafu kif id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jridu jagħlqu t-Tarznari ta' Malta ħalli ma jikkompetux mat-tarznari ta' pajjiżi membri oħra.**

| | |
|---|---|
| **Sena fiha 365 jum** | **365 -** |
| **Naqtgħu 52 Sibt** | **52** |
| **Jibqa'** | **313 -** |
| **Naqtgħu 52 Ħadd** | **52** |
| **Jibqa'** | **261 -** |
| **Innaqqsu 24 jum leave** | **24** |
| **Jibqa'** | **237 -** |
| **Innaqqsu massimu ta' 14-il jum festi** | **14** |
| **Jibqa'** | **223 jum ta' xogħol** |

**Mela minn sena jibqa 223 jiem ta' xogħol bit-8 siegħat xogħol kulljum li jiġu,**
**223 x**
**8**
**1784 siegħa xogħol**

**Dan ifisser li kull ħaddiem suppost li jaħdem 1784 siegħa fis-sena.**

**Issa jekk kull ħaddiem jaħdem 1784 siegħa fis-sena, 1410 ħaddiem jaħdmu**
**1784 x**
**1410**
**2,515,440 siegħat ta' xogħol**

**Mela jekk nieħdu li d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea ddeċiedew li l-1410 ħaddiema Maltin tat-tarznari fuq produzzjoni jistgħu jaħdmu massimu ta' 2,400,000 siegħat tax-xogħol fis-sena, kull ħaddiem jista' jaħdem**

**2,400,000 = 1702 siegħa xogħol fis-sena**
**1410**

**Mela waqt li qabel rajna li kull ħaddiem meta wieħed jaqta' s-Sibtijiet, il-Ħdud, festi u leave suppost jaħdem 1784 siegħa fis-sena, id-dittaturi ta' l-Unjon Ewropea jridu jħallu lill-ħaddiema tat-Tarznari fuq produzzjoni jaħdmu biss 1702 siegħa fis-sena.**

**Dan ifisser li anki jekk il-ħaddiema tat-Tarznari fuq produzzjoni jkollhom xogħol biex jaħdmu s-sena kollha, huma lanqas jistgħu jaħdmu s-sena kollha, imma jridu jaħdmu 82 siegħa jew aktar minn 10-ijiem inqas milli suppost jaħdmu fis-sena.**

**Fi kliem ieħor, ikollhom jieqfu mix-xogħol għaliex inkella jaqbżu l-limiti imposti fuqhom u fuq il-Gvern Malti, ikun liema Gvern ikun, mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Mhux biss, imma minħabba li qed jinġiebu ħafna ħaddiema barranin biex jagħmlu x-xogħol huma, dawk is-siegħat ta' xogħol li jagħmlu l-ħaddiema barranin iridu jitnaqqsu mis-siegħat ta' xogħol tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin tat-Tarznari.**

**Hawnhekk tista' tqum ukoll kwistjoni oħra, għaliex jekk ikun hemm ħaddiema li jaħdmu bis-sahra, għad irridu naraw kif is-sahra se titqies, jekk hijiex siegħa b'siegħa jew siegħa siegħa w nofs kif normalment titħallas is-sagħra.**

**Tista' tqum ukoll il-kwistjoni, anzi agħar, jekk il-ħaddiema jaħdmu nhar ta' Ħadd, għaliex il-Ħadd huwa meqjus bħala doppju.**

**Jitqiesu kif jitqiesu, il-ħaddiema dejjem se jmorru minn taħt, anzi jekk ix-xogħol ikun mgħaġġel, kif normalment ikun, u jkollhom jaħdmu bis-sahra jew shift, aktar se jkollhom joqogħdu jħarsu u ma jagħmlu xejn minkejja li jkun hemm ix-xogħol x'jagħmlu għaliex inkella jaqbżu l-limitu impost mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Għax ngħiduha kif inhi. Liema sid ta' vapur se jħalli l-vapur tiegħu għal aktar żmien biex jissewwa biex ma jitħaddmux il-ħaddiema bis-sahra meta kull jum li ma jkunx qed jużah jiswih eluf kbar ta' liri f'telf?**

**L-istess fil-każ li jinġiebu ħaddiema barranin, għaliex aktar ma jaħdmu barranin aktar ikollhom jaħdmu inqas il-ħaddiema Maltin u Għawdxin tat-Tarznari ħalli ma jinqabisx il-limitu impost mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Fi kliem ieħor, minflok aktar minn 10-ijiem iħarsu anki jekk ikollhom ix-xogħol, ikollhom joqgħodu jħarsu ma jagħmlu xejn jew jintbaghtu d-dar għal aktar żmien.**

**Qed taraw kemm għandhom qalbhom ħadra d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea mal-ħaddiema Maltin u Għawdxin tat-Tarznari?**

## Tiswija u Konverżjoni ta' Vapuri

**Iżda dan mhux biżżejjed, għaliex it-Trattat tas-Sħubija jkompli jaqsam ix-xogħol u jagħmel aktar restrizzjonijiet u jgħid li,**

> **(iii) l-għadd ta' xogħol bniedem f'siegħa mibjugħ għat-tiswija ta' vapuri u għall-konverżjoni ta' vapuri ma għandux jeċċedi 2 035 000 għal kull waħda mill-għaxar snin wara l-bidu tal-perijodu ta' ristrutturar;**

### Kummenti

**Mela ejja nerġgħu nagħmlu s-somma li għamilna qabel u minflok il-figura ta' 2,400,000 siegħat tax-xogħol fis-sena nużaw il-figura ta' 2,035,000 li tissemma f'dan il-paragrafu.**

**2,035,000 = 1443 siegħat ta' xogħol għal kull ħaddiem**
**1410**

**Aktar qabel rajna li meta jinqatgħu s-Sibtijiet, il-Ħdud, festi u leave, kull ħaddiem suppost li jaħdem 1784 siegħa xogħol fis-sena.**

**Mela jekk mis-siegħat li suppost jaħdem innaqqsu l-ammont massimu ordnat mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea naraw kemm kull ħaddiem se jkollu joqgħod iħares jew jintbaghat id-dar ma jagħmel xejn biex ma jinqabisx il-limitu impost mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.**

**1784 –**
**1443**
**341 siegħat ta' xogħol.**

**341 siegħat bi 8 siegħat kull jum ifissru**

**341 = kważi 43 jum ta' xogħol**
**8**

**Dan ifisser li kull ħaddiem tat-Tarznari li jkun jaħdem fuq xogħol ta' tiswija u konversjoni ta' bastimenti biex ma jaħdimx aktar mil-limitu impost mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jrid joqgħod iħares ma jagħmel xejn jew jintbaghat id-dar anki jekk it-Tarznari jkollhom kemm Alla ħalaq xogħol għal 43 jum.**

**Ma rridux ninsew li s-siegħat u l-jiem tax-xogħol ikomplu jkollhom jitnaqqsu jekk issir is-sahra jew aktar ma jinġiebu ħaddiema barranin bħal ma rajna aktar qabel.**

**Hawn xi bniedem f'sensih li jaħseb li b'dawn il-kundizzjonijiet imposti mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea it-Tarznari ta' Malta xi darba jistgħu jkunu kompetittivi u jilħqu l-vijabbilita` imposta mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea?**

**Imma dan mhux biżżejjed, għax innutaw li jingħad li n-numru ta' siegħat tax-xogħol "ma għandux jeċċedi 2 035 000 għal kull waħda mill-għaxar snin wara l-bidu tal-perijodu ta' ristrutturar."**

**L-ewwel ħaġa li tridu tinnutaw hija li din il-figura ma tistax tinqabeż għall-ebda raġuni fl-ewwel 10 snin wara li tinbeda r-ristrutturazzjoni.**

**Fi kliem ieħor, it-Tarznari u l-Gvern Malti huma marbutin b'din il-figura sas-sena 2012, għaliex ir-ristrutturar huwa meqjus li beda fis-sena 2002.**

**Qed taraw kif id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jaħbu l-affarijiet b'mod li jekk ma toqgħodx tiflihom sewwa lanqas tinduna kemm ikunu qegħdin jorbtuk u kemm jużaw kliem biex inti kemm jista' jkun ma tindunax jew ma tagħtix każ sewwa ta' xi jkunu qegħdin idaħħluk fih?**

**Għaliex ngħiduha kif inhi. Aktar tidher sabiħa li jgħidulek kif qalu hawn fuq milli jgħidulek li qegħdin jorbtuk sas-sena 2012 bil-limiti li qed jordnawlek, mhux hekk.**

**Imma dan mhux kollox. Aqraw eżatt x'qiegħed jingħad f'dik il-parti tas-sentenza, u eżattament il-kliem "għal kull waħda mill-għaxar snin.."**

**Fi kliem ieħor, jekk tiġi sena li fiha t-Tarznari ma jlaħħqux il-limitu impost mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea u s-sena ta' wara jkollhom ħafna xogħol li bih ikunu sejrin jaqbżu l-limitu, dan ma jistgħux jagħmluh.**

**Dan għaliex jingħad "għal kull waħda mill-għaxar snin..", u għalhekk jekk f'sena ma tilħaqx il-limitu impost mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea ma tkunx tista' tittrasferixxi id-differenza bejn il-massimu u dak li attwalment tkun għamilt għal sena oħra.**

**Biex niftehmu aħjar, jekk f'sena tkun għamilt 1,000,000 siegħa xogħol u s-sena ta' wara jidħol ħafna xogħol, ma tistax tgħid li l-limitu kien ta' 2,035,000, int għamilt biss 1,000,000, tnaqqas il-1,000,000 siegħa xogħol li għamilt, jibqa' 1,035,000 siegħa xogħol, u tittrasferihom għas-sena ta' wara jew għal meta jkollok ħafna xogħol.**

**Qed taraw kemm huma makakki u qalbhom ħadra u xierfa d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea mal-ħaddiema Maltin u Għawdxin tat-Tarznari?**

**Qed taraw it-TRADIMENT tal-ĠUDIET Maltin u Għawdxin li marru jiftehmu ma' l-Unjoni Ewropea kontra l-interessi tal-poplu Malti u Għawdxi kollu?**

## Il-Bini ta' Vapuri

**Imma jekk taħsbu li dan huwa dak biss li ordnaw id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea sejrin żball. Dan għaliex dwar il-bini ta' vapuri, it-Trattat tas-Sħubija jkompli jgħid li,**

**(iv) il-bini ta' vapuri, kif definit fir-Regolament (KE) Nru. 1540/98 li jistabilixxi regoli ġodda dwar l-għajnuna għall-bini ta' vapuri[1], ma għandux jaqbeż produzzjoni annwali massima ta' 10 000 tunnellaġġ gross ikkumpensat. It-tarznari jistgħu jnaqqsu mill-produzzjoni rrapportata tagħhom ix-xogħolijiet li ġejjin li jista' jintwera li jkunu ingħataw biex isiru barra minnhom: l-armar ta' l-impalkatura, it-trasport intern, is-servizzi proviżorji, is-servizzi ta' gwardjani, il-kostruzzjoni ta' istallazzjonijiet u mudelli, is-servizzi ta' tindif tal-vapuri, l-insulazzjoni u l-laminazzjoni, is-sistemi ta' sentina u saborra, is-sistemi tat-tifi tan-nar u tbexxix, il-kablaġġ (jekk mhux parti minn installazzjoni elettronika), installazzjoni elettronika (minħabba fil-proporzjon ġeneralment għoli tal-kost materjali, għandu jittieħed kont ta' 40% biss tal-kost dokumentat ta' dawn l-operazzjonijiet), l-attrezzatura, ix-xogħol tal-ħadid, l-ipproċessar mekkaniku, is-sistemi sanitarji (minbarra l-kabini sanitarji) u s-sistemi tas-sħana;**

**It-total ta' tunnellaġġ gross ikkumpensat tal-kuntratt in kwistjoni tal-bini tal-vapuri jista' jitnaqqas bil-perċentwali ta' l-operazzjonijiet li jsiru barra mit-tarnzari msemmija iktar 'il fuq.**

## Kummenti

**Fi kliem ieħor, it-Tarznari ma jistgħux iħaddmu l-ħaddiema tagħhom biex jibnu vapuri b'aktar minn 10,000 tunellata fis-sena fejn ikun ingħata xi sussidju permess jew ordnat mill-Unjoni Ewropea.**

**Dan jista' jiġri għaliex l-Unjoni Ewropea ġieli ordnat li jkun hemm xi sussidju żgħir bħal ma huwa 5% tal-kuntratt jekk tqis li, bħala eżempju li kien hemm, li t-Tarznari Koreani kienu qed jissussidjaw b'xi mod il-bini ta' vapuri fit-Tarznari tagħhom.**

**Biex niftehmu aħjar, il-limitu impost mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jfisser li jekk it-Tarznari tagħna jirnexxilhom jiksbu kuntratt għall-bini ta' vapuri li jkollhom xi forma ta' sussidju permess jew ordnat mill-Unjoni Ewropea, ma jistgħux jaħdmu aktar minn 10,000 tunellata fis-sena.**

**Taħsbu li se jkun hawn xi ħadd li huwa f'sensih li jordna vapur u joqgħod jistenna l-kumdita' ordnata mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea li l-ħaddiema Maltin u Għawdxin tat-Tarznari, u hawn iridu jiġu nklużi wkoll ħaddiema barranin li sikwit qed jinġiebu biex jieħdu xogħol u ħobż il-ħaddiema Maltin u l-familji tagħhom, li ma jaħdmux fuqu b'aktar minn 10,000 tunellati fis-sena?**

[1] ĠU L 202, 18.7.1998, p. 1.

**Innutaw ukoll kif jingħad li jekk it-Tarznari jagħtu xogħol barra fl-oqsma msemmija, dak ix-xogħol ma jghoddx ma ' l-10,000 tunellata.**

**Fi kliem ieħor, id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea qed jimponu fuq it-Tarznari Maltin li biex ma jaqbżux l-10,000 tunellata, huma jridu jagħtu x-xogħol lill-kuntratturi biex ikunu jistgħu jnaqqsu dak ix-xogħol mit-total ta' l-10,000 tunellata.**

**Hekk sewwa. Il-ħaddiema tat-Tarznari li għandhom dawk is-snajja joqgħodu jħarsu jew jintbagħtu d-dar ħalli x-xogħol jagħmluh il-kuntratturi.**

**Fi kliem ieħor, ix-xogħol se jiġi jiswa ħafna iżjed, għaliex il-pagi tal-ħaddiema tat-Tarznari xorta waħda jkunu jridu jitħallsu, waqt li x-xogħol li suppost jagħmlu l-ħaddiema tat-Tarznari u li jsir mill-kuntratturi jkun irid jitħallas.**

**Barra minn hekk, innutaw x'jingħad dwar l-istallazzjoni elettronika. "installazzjoni elettronika (minħabba fil-proporzjon ġeneralment għoli tal-kost materjali, għandu jittieħed kont ta' 40% biss tal-kost dokumentat ta' dawn l-operazzjonijiet),**

**Fi kliem ieħor, jekk għall-argument jingħaw b'mitt elf lira (Lm100,000) xogħol ta' l-istallazzjoni elettronika lill-kuntrattur, huma biss erbgħin elf lira (Lm40,000) li jingħaddu li jkunu ingħataw jew tħallsu lill-kuntrattur, għaliex dak li jfisser dak li jingħad f'din is-silta minn dan il-paragrafu.**

**Issa anki hawn hawn taħwida nobis, għaliex waqt li l-paragrafu l-ewwel jitkellem dwar it-tunellaġġ, wara qiegħed jitkellem dwar xogħol mogħti barra mit-Tarznari, jiġifieri lil-kuntratturi.**

**Issa m'hemmx għalfejn tkun mort l-Universita` biex tinduna li l-armar – meta t-Tarznari għandhom il-ħaddiema tagħhom ta' l-armar, servizzi provisorji bħal ngħidu aħna T.E.L. ecc.. li dejjem ipprovdewhom il-ħaddiema tat-Tarznari, trasport intern meta l-istess Tarznari għandhom xufiera li dejjem ipprovdewh huma, gwardjani li m'hemmx għalfejn ngħidu li t-Tarznari dejjem kellhom il-gwardjani tagħhom, u l-affarijiet l-oħra msemmija ma jitkejjlux bil-piż, imma bil-ħlas li jsir għalihom.**

**Mela hawnhekk tista' tqum kwistjoni dwar il-valur li jingħataw dawn is-servizzi u xogħol, liema jitqies, jekk huwiex kemm jitħallsu l-ħaddiema tat-Tarznari jew kemm jitħallsu l-ħaddiema tal-kuntrattur, u affarijiet oħra bħal dawn.**

**Għalkemm aktarx li jitqiesu l-flus li jitħallsu għalihom bħala persentaġġ fi flus meta mqabbel mat-total ta' kemm jiswa l-kuntratt, dawn il-kwistjonijiet jistgħu jqumu għaliex kollox jiddependi minn kif jordnaw id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Issa jekk it-Tarznari jkunu jridu jagħtu x-xogħol barra bilfors li jridu jaħsbu għall-ispejjeż żejda li jkollhom jagħmlu meta jħallsu lill-Kuntratturi waqt li jkomplu jħallsu l-ħaddiema tat-Tarznari, u b'hekk il-kuntratt ikompli jogħla u jnaqqas iċ-ċans li t-Tarznari jiksbuh.**

**Qed taraw għalfejn fir-ras ta' din il-kitba għedt li d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jridu jagħlqu lit-Tarznari Maltin?**

**Dan ħalli t-tarznari ta' pajjiżi membri oħra ma jkollhomx kompetizzjoni mit-Tarznari Maltin.**

## Il-Baċir Numru 1

**It-Trattat tas-Sħubija imponut mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jkompli jgħid,**

**(v) il-baċir Nru. 1 tal-Malta Drydocks għandu jingħalaq għall-bini ta' vapuri, għall-konverżjoni ta' vapuri u t-tiswija ta' vapuri għal mill-inqas għaxar snin mid-data tal-bidu tal-perijodu ta' ristrutturar. Jekk il-baċir magħluq jerġa' jintuża għal attivitajiet oħra, dawn għandhom ikunu independenti mill-kumpanniji li huma proprjetarji tat-tarznari fil-preżent, u ma jistgħux ikollhom x'jaqsmu ma' bini ta' vapuri, tiswija ta' vapuri jew konverżjoni ta' vapuri;**

### Kummenti

**Id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea mhux biss ordnaw kemm xogħol għandhom jagħmlu it-Tarznari ta' Malta, imma ordnaw ukoll li jingħalaq il-Baċir Numru 1.**

**Hawnhekk mhux se nidħol fuq jekk kienx jaqbel li jingħalaq jew le, imma l-punt li jrid jitqies huwa li kien jaqbel jew ma kienx jaqbel għall-ħaddiema tat-Tarznari, għall-Malta u speċjalment għall-Birgu, Bormla u l-Isla li l-Baċir Numru 1 jingħalaq, kienu d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea li ordnaw li dan jingħalaq.**

**Innutaw kif jingħad li, "Jekk il-baċir magħluq jerġa' jintuża għal attivitajiet oħra, dawn għandhom ikunu independenti mill-kumpanniji li huma proprjetarji tat-tarznari fil-preżent."**

**Fi kliem ieħor, mhux biss id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea ordnaw li l-Baċir Numru 1 jingħalaq, imma nnutaw li ordnaw ukoll li jekk b'xi mod jerġa' jintuża, ma setgħax jintuża mit-Tarznari Maltin.**

**Mhux biss, imma jingħad ukoll li l-attivitajiet li jsiru fih "ma jistgħux ikollhom x'jaqsmu ma' bini ta' vapuri, tiswija ta' vapuri jew konverżjoni ta' vapuri".**

**Mela d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea mhux biss iridu jfarrku t-Tarznari Maltin, imma ordnaw u għamlu minn kollox biex kemm jista' jkun inaqqsu l-faċilitajiet tat-Tarznari Maltin ħalli jkunu ċerti li dawn ifallu u jingħalqu.**

**Daqshekk baqa' sovran il-Gvern u l-poplu Malti meta dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jordnaw x'għandu jsir f'pajjiżna meta suppost aħna pajjiż u poplu indipendenti, ħieles u sovran.**

## Ħaddiema Meħtieġa

**Dwar it-tnaqqis tal-ħaddiema, it-Trattat tas-Sħubija jkompli jgħid li,**

**(vi) fir-rigward tar-riduzzjoni meħtieġa fl-għadd ta' ħaddiema tat-tarznari, Malta għandha tiżgura li l-forza tax-xogħol ċentrali neċessarja li tinżamm ikollha l-livelli ta' sengħa essenzjali;**

**Kummenti**

**Hawnhekk naraw l-ipokrezija tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex filwaqt li jgħidu li t-Tarznari għandhom inaqqsu l-ħaddiema, jgħidu li l-forza tax-xogħol ċentrali meħtieġa għandha jkollha livelli ta' sengħa essenzjali.**

**Dan meta kienu jafu li t-Tarznari ma setgħux inaqqsu l-ħaddiema mingħajr ma jipperikolaw ix-xogħol tal-kumplament għaliex mhux tassew li kien hemm ħaddiema żejda fit-Tarznari.**

**Dan kollu qed narawh meta wara li tkeċċew il-ħaddiema fuq l-ordnijiet tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea, kull meta jkun hemm ix-xogħol fit-Tarznari qed jinġiebu ħaddiema barranin li lanqas ma huma kapaċi skond ma jgħidu l-istess ħaddiema Maltin u Għawdxin tat-Tarznari biex lanqas l-ex ħaddiema tat-Tarznari ma jingħataw ċans li jaħdmu hemmhekk.**

**Din hija konmferma oħra ta' kemm id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jridu jagħlqu lit-Tarznari Maltin u jtellfu x-xogħol u l-ħobż tal-ħaddiema tat-Tarznari Maltin u Għawdxin u tal-familji tagħhom.**

**Daqshekk qalbhom ħadra u xierfa d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea mal-ħaddiema Maltin u Għawdxin.**

## Taħriġ skond ir-Regoli ta' l-Unjoni

**(vii) programmi tat-taħriġ assoċjati mal-pjan ta' ristrutturar għandhom ikunu kompatibbli mar-regoli Komunitarji ġeneralment applikabbli;**

**Kummenti**

**Innutaw kif il-programmi ta' taħriġ li suppost saru jew qed isiru biex il-ħaddiema tat-Tarznari jkunu mħarrġa għall-isfidi ġodda ordanti mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea ma jistgħux ikunu skond kif jidhirlu l-Gvern Malti jew it-Tarznari, imma jridu jaqblu mar-regoli ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Hekk ordaw id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea fil-pjan ta' ristrutturar, u hekk irid isir, għaliex sewwa kien qal is-Segretarju Parlamentari Nazzjonalista Edwin Vassallo li "la l-Unjoni Ewropea trid hekk, ikollu jsir hekk".**

## Radd Lura ta' l-Għajnuna

**(viii) kull għajnuna li tingħata bi ksur tal-kondizzjonijiet imsemmija hawn qabel għandha tingħata lura.**

**Kummenti**

**Biex żgur ikunu ċerti li l-Gvern Malti ma jagħtix xi għajnuna lit-Tarznari aktar milli taw permess id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jew mhux skond l-ordnijiet tagħhom għamlu dan il-provvediment biex żgur ħadd ma jkun jista' jgħid li ma kienx jaf.**

**Din hija prova oħra ta' kemm il-Gvern Malti u kull Gvern ieħor ta' kull pajjiż membru fl-Unjoni Ewropea ma jibqgħux jikkmandaw huma imma jkollhom joqogħdu għal dak kollu li jordnaw id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.**

## Il-Ħniena tal-Kummissjoni

**(ċ) Jekk il-vijabbilità tat-tarznari ma tistax tinkiseb minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali u li ma kienux previsti fiż-żmien meta ġie mfassal il-pjan ta' ristrutturar, il-Kummissjoni tista' tirrevedi l-kondizzjonijiet stipulati f'(b) hawn qabel skond il-proċedura li jipprovdi għaliha l-Artikolu 88(1) tat-Trattat tal-KE. Qabel ma tibda din il-proċedura, il-Kummissjoni għandha tqis sew il-veduti ta' l-Istati Membri dwar l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali. Dawn il-veduti għandhom jingħataw kemm abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni kif ukoll abbażi ta' l-informazzjoni rilevanti disponibbli u ċ-ċirkostanzi.**

**L-ammont ta' għajnuna totali msemmi f'(a) hawn qabel ma jista' jinqabeż fl-ebda ċirkostanza.**

**Kummenti**

**L-ewwel ma jrid jiġi nnutat huwa li d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jafu li t-Tarznari Maltin mhux se jiksbu l-viabilita` minħabba l-ordnijiet u l-kundizzjonijiet li għamlu huma biex it-Tarznari jiġu mgħejjuna.**

**Tant jafu, li hawnhekk daħħlu l-kliem "Jekk il-vijabbilità tat-tarznari ma tistax tinkiseb minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali u li ma kienux previsti fiż-żmien meta ġie mfassal il-pjan ta' ristrutturar".**

**Dan biex jilqgħu ħalli ħadd ma jkun jista' jgħid li t-Tarznari ma kisbux il-viabilita` minħabba li l-pjan ta' ristrutturar ma kienx tajjeb, imma jistgħu jitqiesu biss jekk it-Tarznari ma jiksbux il-viabilita` kif jingħad hawn fuq.**

**Jekk it-Tarznari ma jiksbux il-viabilita` minħabba dawn iċ-ċirkuastanzi eċċezzjonali u li ma kienux maħsuba li se jiġru meta ġie mfassal il-pjan ta' ristrutturar, ma jfissirx li jistgħu jingħataw għajnuna.**

**L-ewwel ma jrid isir huwa li l-Kummissjoni taċċetta li kien hemm dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, għaliex huwa fid-deskrizzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel xi ħaġa.**

**Innutaw li jingħad li l-Kummissjoni tista', mhux il-Kummissjoni trid.**

**Mela hija biss fid-deskrizzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel jew ma tagħmilx xi ħaġa, mhux fid-deskrizzjoni tal-Gvern Malti jew tat-Tarznari Maltin.**

**Innutaw ukoll li mkien ma jingħad x'inhuma jew x'jistgħu jkunu dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali.**

**Dan iħalli bieb miftuh beraħ lill-Kummissjoni għaliex tista' dejjem tqis li minkejja li l-Gvern Malti u t-Tarznari jgħidu li kien hemm dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Kummissjoni tibqa' tinsisti li dawn ma kienux eċċezzjonali.**

**Qed taraw kif id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea dejjem iħallu bieb miftuh beraħ għalihom u lanqas iħallu mqar rewwieħa għal ħaddieħor?**

**Innutaw li jingħad li "il-Kummissjoni għandha tqis sew il-veduti ta' l-Istati Membri dwar l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali".**

**Taħsbu li l-Istati Membri l-oħra li għandhom it-Tarznari tagħhom se jgħidu li jqisu li kien hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li minħabba fihom it-Tarznari Maltin ma laħqux il-viabilita` biex jiskużawhom u b'hekk iħalluhom jingħataw xi għajnuna ħalli jkomplu jikkompetu magħhom u jeħdulhom ix-xogħol mit-tarznari tagħhom?**

**Barra minn hekk, taħsbux li l-Kummissjoni, u tinsewx li jridu jkunu qablu l-Istati Membri l-oħra wkoll, se tippermetti li jingħataw xi għajnuna finanzjarja, għaliex id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea ordnaw li "L-ammont ta' għajnuna totali msemmi f'(a) hawn qabel ma jista' jinqabeż fl-ebda ċirkostanza."**

**Dan juri bl-aktar mod ċar li waqt li taħseb li tkun qiegħed tingħata xi ħaġa biex issalva, issib li dak li kont qed taħseb ma kien minnu xejn għaliex is-sentenza ta' wara ma tkunx qed tħalli li inti tingħata xi għajnuna aktar milli kont ħadt skond il-programm ta' ristrutturazzjoni.**

**L-unika ħaġa biex forsi t-Tarznari Maltin ikunu jistgħu jingħataw xi ħaġa hija li ma jkunux ingħataw dak kollu li kien hemm skond it-Trattat tas-Sħubija u forsi l-Kummissjoni bil-qbil ta' l-Istati Membri l-oħra tħalli li t-Tarznari jingħataw id-differenza.**

**Hawnhekk joqgħod tajjeb il-qawl li jgħid li "Tgħix bit-tama u tmut bil-piena".**

## Għassiesa Argużini fuq Malta

**(d) Malta għandha tikkopera ma' l-arranġamenti ta' kontroll stabbiliti mill-Kummissjoni, inklużi spezzjonijiet fuq il-post minn esperti indipendenti, matul il-perijodu ta' ristrutturar.**

**Kummenti**

**Dan il-provvediment se naqsmu u nikkummenta fuq il-partijiet tiegħu minħabba li huwa daqsxejn twil.**

**L-ewwel ma ninnutaw huwa li Malta hija obbligata mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea li trid taċċetta l-arranġamenti ta' kontroll stabbiliti mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Fi kliem ieħor, il-Gvern Malta mhux biss kellu joqgħod għal dak li ordnaw id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea, imma jkollu joqgħod għal spezzjonijiet fit-Tarznari u kull post ieħor li jkun jidrilhom ħalli d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jkunu ċerti minn dak kollu li jkun qed isir mill-Gvern u mit-Tarznari.**

**Hawnhekk mhux biss naraw il-prepotenza u l-arroganza tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea, imma minkejja li l-flus kollha għat-Tarznari jinħarġu mill-poplu Malti u Għawdxi, xorta waħda jkunu d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea permezz tas-suppost esperti mqabbda minnhom li jkunu qed jikkontrollaw kollox.**

**Mela meta l-ħaddiema tat-Tarznari intefgħu 'l barra minkejja li kienu tajbin għax-xogħol, kienu d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea li tefuhom 'il barra bi ftehim mal-Gvern Malti u l-GAKBINI, ĠUDIET u TRADITURI Maltin u Għawdxin li ftehmu magħhom u li qarrqu biċ-ċittadini Maltin u Għawdxin biex jaċċettaw is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.**

**Dawn ir-rappreżentanti tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea għal dak li għandu x'jaqsam mat-Tarznari ma ħlisniex minnhom u ma neħilsux minnhom qabel l-aħħar tas-sena 2008, għaliex dawn iridu jibqgħu hemmhekk matul il-perjodu ta' ristrutturar li jintemm fl-aħħar tas-sena 2008.**

## Rapporti kull Sena

> **Malta għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjan. Dawn ir-rapporti għandhom jinkludu kull informazzjoni rilevanti sabiex jgħinu lill-Kummissjoni tqis is-sitwazzjoni fir-rigward l-implimentazzjoni tal-programm ta' ristrutturar, inkluż kif it-tarznari jiffissaw il-prezzijiet għal kuntratti ġodda tat-tiswija ta' vapuri u ta' bini ta' vapuri li jinkisbu mit-tarznari. Ir-rapport annwali ta' tarzna dwar il-produzzjoni għandu jispeċifika t-tunnellaġġ gross ikkumpensat ta' xogħlijiet eliġibbli li jsiru barra minnha skond il-perijodu ta' żmien attwali li matulu jkunu ntgħamlu minn terzi u jinkludi dan fil-kalkolu tat-tunnellaġġ gross ikkumpensat tal-kuntratt tal-bini tal-vapur. Fil-każ ta' vapuri li l-kostruzzjoni tagħhom testendi tul sentejn, il-figura tat-tunnellaġġ gross ikkumpensat għandha tiġi ffriżata fl-aħħar tas-sena sabiex jiġu evitati korrezzjonijiet retroattivi. It-tarzna għandha wkoll tkun f'posizzjoni li turi l-kuntratti kollha relatati ma' l-għoti ta' xogħlijiet li jsiru barra minnhom li hemm fil-lista fis-sub-paragrafu (b) (iv) għall-iskop ta' verifika.**

### Kummenti

**Hawnhekk naraw kif id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea lanqas lil dawk li huma sejħu esperti indipendenti ma jafdaw u jridu jġellduhom mal-Gvern Malti.**

**Dan għaliex kif jingħad f'dan il-paragrafu, il-Gvern Malti jrid jagħmel rapport kull sena dwar kif ikun sejjer ir-ristrutturar tat-Tarznari, jew aħjer kemm keċċa ħaddiema Maltin u Għawdxin kif ordnaw l-istess dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea.**

**Mhux biss, imma innutaw ukoll kif il-Gvern u t-Tarznari jridu jibgħatu dettalji lid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea dwar kif it-Tarznari jiffissaw il-prezzijiet tat-tiswija u l-bini ta' vapuri jekk huma jirnexxilhom jieħdu xi kuntratt.**

**Ara hawnhekk il-Gvern Malti ma jagħmilx kif spiss jagħmel meta ssir xi mistoqsija parlamentari u ma jwieġibhiex għax jgħid li dawk huma kwistjonijiet kummerċjali li ma jridx lill-kompetituri jkunu jafu.**

**Dan kollu barra d-dettalji l-oħra msemmija fl-istess paragrafu li qed naraw, għaliex id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea ikunu jridu kollox sa' l-inqas dettal ħalli xejn ma jaqbżilhom.**

**Lid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea jrid jibgħatilhom bilfors dawn id-dettalji għax hekk ordnaw skond il-Ftehim tas-Sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea li nħeba miċ-ċittadini Maltin u Għawdxin qabel ir-referendum.**

**Innutaw ukoll dak li għedt aktar qabel, fejn għedt li kif qiegħed miktub dwar il-bini ta' vapuri, jekk f'sena ma tkunx għamilt il-massimu li jħalluk tagħmel id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea, dak li jkun inqas ma tistax tgħaddih għas-sena ta' wara jew xi sena oħra li fiha jkollok ħafna xogħol.**

**Dan wieħed isibu f'din is-sentenza fil-paragrafu li qed naraw, fejn jingħad li "Fil-każ ta' vapuri li l-kostruzzjoni tagħhom testendi tul sentejn, il-figura tat-tunnellaġġ gross ikkumpensat għandha tiġi ffriżata fl-aħħar tas-sena sabiex jiġu evitati korrezzjonijiet retroattivi."**

**Barra minn hekk, innutaw kif it-Tarznari jridu jikxfu idejhom anki jekk ikunu taw xi xogħolijiet lil kuntratturi, għaliex iridu jagħtu lid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea d-dettalji kollha ta' dawn il-kuntratti.**

**Dan huwa dak li jfisser dak li hemm imniżżel fl-aħħar sentenza tal-paragrafu li qed naraw.**

**Anki hawnhekk qed naraw kemm id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea għandhom qalb ħadra u xierfa mal-ħaddiema kollha Maltin u Għawdxin, speċjalment mal-ħaddiema tat-Tarznari.**

> **Minn Marzu 2003, Malta għandha tforni dawn ir-rapporti fi żmien xahrejn mill-aħħar ta' kull sena. L-aħħar rapport għandu jingħata sa l-aħħar ta' Marzu 2009, ħlief jekk ma jiġix miftiehem mod ieħor mill-Kummissjoni u Malta.**

**Kummenti**

**Jekk taħsbu li r-rapporti kull sena l-Gvern Malti jista' jagħmilhom meta jrid sejrin żbaljati, għaliex kif jgħid dan il-paragrafu, dawn ir-rapporti jridu jiġu**

**ppreżentati fi żmien xahrejn mill-aħħar ta' kull sena, jiġifieri sa' l-aħħar ta' Frar.**

**Innutaw kif dawn ir-rapporti kellhom jibdew minn Marzu tas-sena 2003 meta la konna għadna sirna membri u lanqas kien inżamm ir-referendum.**

**Dan huwa eżempju mill-aktar ċar mhux biss ta' l-arroganza tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea, imma jnissel tħassib serju dwar jekk kienx hemm tbagħbis fir-referendum minħabba li jidher li d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea kienu ċerti li r-referendum se jgħaddi.**

**Tgħid kien hemm xi tbagħbis fir-referendum biex id-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea kienu daqstant ċerti, tant li mis-sena ta' wara, u anki meta ma nkunux għadna sirna membri, diġa' ridna nibgħatu r-rapporti dwar it-Tarznari lejn l-Unjoni Ewropea?**

## Konklużjoni

**Meta wieħed jara dan kollu, speċjalment il-kundizzjonijiet li l-ĠUDIET Maltin u Għawdxin aċċettaw u ftehemu dwarhom, kif jista' ma jkunx ċert li d-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea iridu jagħlqu lit-Tarznari Maltin ħalli ma jkunx hemm kompetizzjoni mat-tarznari tal-pajjiżi membri l-oħra?**

**Hawnhekk tajjeb li wieħed jistaqsi dwar jekk jaqbilx li l-Gvern jissussidja lit-Tarznari, u lil kull kumpanija tiegħu, ħalli l-ħaddiema jinżammu fl-impjieg tagħhom, jew jekk huwiex aħjar li jingħataw somma flus maħruġa mill-poplu Malti fuq l-ordni ta' l-Unjoni Ewropea u jitkeċċew minn xogħolhom.**

**Meta persuna tkun taħdem, hija tħallas il-bolla, it-taxxa tad-dħul, u tkun tista' tixtri dak kollu li tkun tinħtieġ hija u l-familja tagħha. Minħabba f'hekk, minn kull ħanut li tixtri mingħandu jista' jħaddem lis-sid u anki ħaddiema oħra mpjegati miegħu.**

**Tal-ħanut irid jixtri l-affarijiet mingħand l-aġenti u l-produtturi, li min naħa tagħhom iħaddmu ħaddiema oħra li jixtru prodotti u servizzi oħra, kemm dawn mibjuba mill-aġent jew produttur li jaħdmu miegħu, kif ukoll ta' aġenti, produtturi u persuni oħra.**

**Kif wieħed jista' jara, il-kummerċ maħluq meta persuna tkun impjegata jikber, u aktar ma jkun hemm persuni jaħdmu aktar jikber. Bl-Ingliż, dan jissejjaħ 'snowballing' effect.**

**Issa meta ħaddiem jitkeċċa mix-xogħol tispiċċalu l-paga, jonfoq għall-affarijiet essenzjali biss, dejjem jekk ikollu minn fejn, u jkun ta' piż fuq is-servizzi soċjali kemm idum ma jaħdem**

**Barra minn hekk, u din hija waħda mill-effetti kbar li kull ħaddiema iħossha, hija li titneħħilu d-dinjita' ta' ħaddiem speċjalment meta jkun għadu kapaċi jaħdem.**

Mhux biss ikun tilef il-paga, imma jkun tilef id-dinjita' tiegħu.

Wara li rajna x'hemm ordnat mid-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea fit-Trattat tas-Sħubija li qablu magħhom il-ĠUDIET Maltin u Għawdxin li għamlu dan il-ftehim, ma jista' jibqa' l-anqas l-iċken dubju li l-unika triq biex neħilsu minn dan is-saram kollu u lill-ħaddiema tagħna hija li nfittxu nitilqu mill-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada.

Dan anki meta wieħed jara kif artna qed tinbiegħ lill-barranin u b'mod li uliedna ma jistgħux ilaħħqu mal-prezzijiet u lanqas se jibqa' fejn ikollhom id-dar tagħhom għax artna tkun ittieħdet mill-barranin.

Lil dawk li għadhom jgħidulkom li ma nistgħux għidulhom li huma giddiebin, għax issa l-maġġoranza qed jammettu li għandna dritt u nistgħu nitilqu mis-saram kollu li dħalna fih bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Hawn ukoll min jgħid li issa l-kwistjoni ta' l-Unjoni Ewropea hija deċiża darba għal dejjem.

Min jgħid hekk qiegħed jipprova jbeżżagħkom għax huwa beżżiegħ jew jaqbillu jgħid hekk għaliex aktar 'il quddiem jista' jkun li huwa jmur tajjeb bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Imma inti, ħaddiem Malti u Għawdxi, taħdem fejn taħdem, ma jaqbillikx.

Ara kemm ħaddiema barranin qed jeħdulek xogħolok, ħobżok u ħobż il-familja tiegħek.

Tinsiex li s-sena d-dieħla l-Gvern diġa` qal li se jagħti aktar minn 8,000 permess biex barranin jkomplu jiġu jeħdulek xogħolok ħobżok u ħobż il-familja tiegħek.

Ara kemm taxxi ddaħħlu fuq l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea, fosthom it-taxxa inġusta u immorali tal-VAT, l'Eco-Tax, u ruxxmata taxxi oħra.

Kull min jagħmel deċiżjoni ħażina għandi dritt li jirranġa dik id-deċiżjoni

Għalhekk kulħadd għandu jkun għal lest u jinsisti ħalli jerġa' jsir referendum biex il-poplu Malti jingħata ċ-ċans, kif għandu kull dritt, li jneħħi das-saram li daħal fih bil-qerq tad-dittaturi ta' l-Unjoni Ewropea u tal-ĠUDIET Maltin u Għawdxin li ftehemu magħha fit-tradiment tal-poplu Malti.

Qum fuq tiegħek ja poplu Malti u Għawdxi.

Iġġieled għad-drittijiet tiegħek bħal ma għamlu missierijietek.

Tħallix min jgħaddik aktar biż-żmien.

Erġa' ħu rajk f'idejk.

Itlaq mill-jasar kolonjali ta' l-Unjoni Ewropea l-lejla qabel għada.